MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## JOSEPH A. APAP BOLOGNA

Seduta tat-2 ta' Lulju, 2012

Avviz Numru. 382/2011

**Valletta Service Station Ltd (C 26858)**

**Vs**

**Carmelo Agius**

Il-Qorti,

Rat ir-rikors in esami li bih ir-rikorrenti talab sabiex l-intimat jghid il-ghaliex ma ghandux jigi kundannat li jhallas lill-istess rikorrenti s-somma ta’ tlett elef seba’ mija u sitta u hamsin euro u sebgha u tletin centezmi (€3756.37) rapprezentanti prezz ta’ ‘diesel’ mibjugh u konsenjat lill-konvenut mill-esponenti fuq struzzjonijiet tieghu stess u multi mhallsin mill-esponenti fir-rigward tax-xoghol mahdum minnu fuq ix-xarabank bin-numru ta’ registrazzjoni EBY 575, bl-imghaxijiet bir-rata legali fuq is-somma kapitali bir-rata legali sad-data tal-effettiv pagament u bl-ispejjez a karigu tal-istess intimat, inkluzi l-ispejjes tal-ittri ufficjali relattivi.

Rat ir-risposta tal-istess intimat (fol 9 tal-istess atti) u li biha espona bir-rispett:

1. Illi l-ammont mitlub fil-kawza odjerna mhux dovut mill-konvenut u dan minhabba arrangamenti li kien hemm bejn l-attur u l-konvenut kif ser jigi ppruvat waqt il-kawza.
2. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjez u bl-ingunzjoni ta' l-attur in subizzjoni.

Rat kif ukoll il-lista ta' xhieda indikati fl-istess risposta.

Rat l-atti kollha tal-kawza specjalment dak verbalizzat a fol 11 u 12 tal-atti, kif ukoll waqt is-seduta tal-25 ta' Gunju 2012.

Ikkunsidrat

Illi kif jidher mill-verbali a fol 11 u fol 12 tal-istess atti kif ukoll minn dak tas-seduta tal-25 ta' Gunju 2012, l-intimat naqas milli jipproduci xi prova dwar l-unika eccezzjoni sottomessa minnu. Filfatt, dwar dan jinghad a fol 11 ibid illi "Minhabba n-natura tal-eccezzjoni, fis-seduta li tmiss jinstemghu l-provi kollha tal-konvenut dwar l-arrangament (hemm) imsemmi". Pero' dawn il-provi qatt ma gew prodotti la fit-28 ta' Mejju 2012 la fil-25 ta' Gunju 2012. Difatti, din il-Qorti qatt ma kellha l-pjacir li tara l-istess initmat!.

Illi da parti tas-socjeta rikorrenti, gie prodott Alex Sammut, li xehed fis-seduta tal-25 ta' Gunju 2012 li xehed illi l-ammont mitlub fir-rikors promotur kien ghadu dovut sa' din id-data. Dan spjega ukoll il-ghala l-istess ammont kien dovut anke permezz ta' 'statement' esebit waqt ix-xhieda tieghu (ara ukoll l-ittra interpellatorja annessa mal-istess 'statement' fejn jinghad li l-ammont hemm indikat jinkludi l-imghax legali sas-7 ta' Lulju 2011, id-data tal-istess ittra).

Ikkunsidrat

Illi jidher, ghalhekk illi l-eccezzjoni sottomessa mill-intimat ghandha tigi michuda, ghax mhux pruvata, waqt li t-talbiet ta’ s-socjeta’ rikorrenti ghandhom jigu akkolti.

Ghal dawn il-motivi il-Qorti tilqa’ t-talbiet tas-socjeta rikorrenti u tikkundanna lill-intimat sabiex jhallas lis-socjeta rikorrenti s-somma ta’ €3,756.37 bl-imghax legali mit-8 ta’ Lulju 2011 sad-data tal-pagament effittiv kif ukoll l-ispejjes kollha ta’ dawn il-proceduri inkluzi dawk tal-ittri ufficjali msemmijin fl-istess rikors.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------